# FABIO CHIGI

MINN MONS. PROF. A. BONNICI

**Diġà f'xi artiklu ieħor semmejtilkom lil Mons. Fabio Chigi, li kien inkwiżitur f'Malta u spiċċa mbagħad biex sar Kardinal u laħaq ukoll Papa bl-isem ta' Alessandru VII. Imma llum, fix-xahar ta' Ottubru, li fih huwa wasal għall-ewwel darba hawn Malta, deherli li tkun ħaġa xierqa li nitħaddtu iżjed fit-tul dwar dan il-persunaġġ li dam Malta ħames snin, ħabb il-Gżira tagħna u ħalla bosta tifkiriet prezzjużi.**

## FABIO CHIGI TWIELED FI SIENA

Fabio Chigi twieled fit-13 ta' Frar 1599 fil-belt ta' Siena (Italja), fejn studja u ħa l-lawrja dottorali fis-sena 1626. F'Diċembru telaq għal Ruma fejn beda jservi bħala 'Referendarius Utriusque Signaturae'. Għal min ma jafx, l-uffiċċju ta' Referendarju kien li jiffirma ċerti suppliki li jsiru lill-Papa. Fl-1629, intbagħat ġo Ferrara bħala Viċi-Legat tal-Papa: kien għad kellu 30 sena biss.

Ħames snin wara, fit-22 ta' April 1634, Mons. Chigi nħatar Inkwiżitur u Delegat Apostoliku għal Malta minn Papa Urbanu VIII. Il-Brevi ħareġ fl-10 ta' Gunju 1634.

Iżda Chigi ma ħalliex Ferrara ħlief fit-22 ta' Gunju, meta wasal is-Suċċessur tiegħu f'dik id-djoċesi, għalkemm, kif jingħad, hu xtaq jitlaq qabel għal Malta.

Qabel ġie Malta, għadda Ruma fejn għarrfuh li l-Papa kien sejjer jaħtru Isqof ta' Nardo. Fil-fatt in-nomina ħarġet fit-8 ta' Jannar 1635, meta kien diġa' qiegħed hawn Malta.

Sadattant Mons. Chigi, billi kien għadu kjerku biss, ingħata l-erba' ordnijiet minuri u ġie ordnat qassis fit-2 ta' Lulju 1634.

Fit-3 ta' Awissu telaq għal Malta minn Civitavecchia fuq galljun tal-Papa. Waqaf Messina u minn hemm niżel Sirakuża, fejn għamel waqfa ġmielha minħabba l-maltemp. Wasal Malta fid-9 ta' filgħodu tad-19 ta' Ottubru, 1634.

## ISQOF F'MALTA. PAPA F'RUMA

Kien hawn Malta li Don Fabio Chigi ġie ordnat Isqof fil-knisja tal-Giżwiti tal-Belt.

L-Isqof konsagranti kien Mons. Mikiel Govanni Balaguer Camarasa, assistit minn Mons. Fra Salvatore Imbroll, Pirjol tal-knisja Konventwali ta' San Gwann, u l-Kanonku Antonio Tolessanti, Vigarju Generali ta' l-Isqof.

Fis-26 ta' Frar 1639 il-Papa ħatru Nunzju Apostoliku għal Kolonja (Germanja) u għalhekk kellu jħalli Malta fit-28 ta' April. Fit-30 ta' Novembru 1651 Mons. Chigi reġa' mar Ruma, fejn laħaq Segretarju ta' l-Istat tal-Papa. Fit-12 ta' Marzu l-Papa Innoċenzju X ħatru Kardinal.

Minn Kardinal ma damx ma laħaq Papa, u ħa l-isem ta' Alessandru. VII. Gie inkoronat Papa fit-18 ta' April 1655. Dam fuq il-Kated-ra ta' San Pietru 12-il sena u miet fit-22 ta' Mejju 1667, fl-eta' ta' 68 sena.

## MALTA FL-1634

Fiż-żmien li l-Inkwiżitur Chigi wasal Malta, il-Gżira kellha importanza strateġika kbira bħala Sur tal-Kristjaneżmu kontra t-theddida tat-Torok fil-Mediterran.

Għalkemm dawn kienu ġew mirbuħa f'Malta fl-1565 u l-Kavallieri u xi kursara Maltin bdew jagħmlu l-arja u jdejqu t-Torok bil-ħebb tagħhom għall-bċejjeċ Misilmin ta' fuq il-baħar, b'dana kollu l-biża' ta' attakk ieħor kbir fuq Malta mill-Musulmani ma naqas qatt.

L-Inkwiżitur Chigi għen ħafna lill-Ordni biex jissaħħu s-swar tal-Gżira, jinbnew swar ġodda għad-difiża ta' Malta. Hemm min igħid li l-Inġinier Pietru Pawl Floriani, li Chigi kien jaf f'Ferrara, intbagħat hawn Malta wara suġġeriment ta' l-istess Inkwiżitur.

Barra minn dan, huwa għen ukoll fil-politika interna tal-Gżira biex jeqred l-abbużi u jġib il-paċi fit-tilwim bejn il-membri ta' l-Ordni.

Meta wasal Malta, il-Gżira kienet immexxija mill-Granmastru Antonio de Paule, li kien xjieħ ġmielu u ma tantx kien għasses sabiex iżomm fil-għoli l-istandard morali, la tiegħu u lanqas tal-membri ta' l-Ordni tiegħu, li saru diżobbidjenti għal kull awtorita'.

L-Ordni kien għalhekk jinħtieġ Mexxej twajjeb u qawwi. Mons. Chigi ta xi suġġerimenti għall-ħatra ta' Suċċessur aħjar. Għalhekk, wara l-mewt tal-Granmastru, li ġrat fis-sena 1636, hu ferah bil-għażla li saret ta' Giovanni Pawlu Lascaris, bniedem spiritwali, li fih seta' jqiegħed it-tama tiegħu għal riforma morali ta' l-Ordni. Biex jilħaq dan il-għan huwa pperswada lil Lascaris biex ibiegħed mill-Palazz tiegħu lill-Kavallieri indenji.

## IL-GIZWITI VITTIMIZZATI

Fl-aħħar xhur tal-karriera inkwiżitorjali ta' Mons. Chigi f'Malta ġrat storja ftit u xejn kerha fl-istorja tal-Kavallieri ta' Malta.

It-twajjeb Granmastru Lascaris ipprojbixxa li fil-Karnival in-nisa jilbsu l-maskra u li jidħlu għall-wirjiet drammatiċi li l-Kavallieri kienu jagħmlu matul dak iż-żmien. Il-Kavallieri ħasbu li dan sar wara suġġeriment tal-Giżwiti. Għalhekk, fl-ewwel jumejn, ħarġu xi wħud libsin ta' Giżwiti jiġġerrew b'żuffjett mat-triqat libsin iċ-ċoqqa tagħhom. Il-Giżwiti pprotestaw u l-Konti Selvatico ntbagħat il-ħabs ta' Sant'Iermu. Iżda, imsieken, pattewha qares! Hafna Kavallieri ma' xi nies oħra ħabtu għall-kunvent tagħhom u xeħtu barra kull ma sabu fih. Imbagħad marru lejn Sant'Iermu u ħarġu lill-Konti minn hemm. Wara telgħu għand il-Granmastru u rieduh assolutament ikeċċi mill-Gżira lil dawk il-Patrijiet. Ix-xewqa tagħhom twettqet, għax il-Granmastru, biex iġib il-kwiet — ħaġa li ta' spiss tiġri fid-dinja — bagħat 'il barra lill-Giżwiti, li kienu ħdax. Gustament, wara xahar, dawk il-Patrijiet reġgħu ssejħu lura.

## TIFKIRIET TA' PAPA

Naqtgħu hawn. Iżda, qabel nagħalqu, irridu nsemmu xi tifkiriet li l-Inkwiżitur Chigi, imbagħad Papa Alessandru VII, ħalla tiegħu f'xi postijiet. F'San Gwann għandna l-ventartal li bħala Papa hu bagħat sabiex iżejjen dik il-Knisja.

In-nies tal-Birgu birragun jiftaħru li għandhom pjaneta sabieħa ta' Papa Alessandru VII. Ftakru li f'dik il-belt qadima kien hemm mibni u għadu sal-lum, il-Palazz ewlieni tal-Inkwiżituri.

Ħaż-Żabbar baqa' grat lejn dak il-Papa, li kien ta' spiss iżur is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja; sa tellgħalu statwa tal-ġebel ma' ġenb il-Mużew, ħdejn il-Knisja Parrokkjali. Dnub li ż-żmien kien ingrat miegħu u kiellu mnieħru (imnieħru tal-laħam ilu li ttiekel), bħalma tmermret ukoll pjaneta li l-Papa Alessandru kien irregala u li issa ma għadiex tezisti. Tissemma biss f'inventarju tal-Parroċċa.

Kif soltu jsir fl-istess ċirkostanzi, fil-Knisja tal-Giżwiti tqegħdet lapida ċkejkna ta' rħam li tfakkar il-Konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof f'dik il-Knisja u l-għażla tiegħu bħala Papa f'Ruma.

Min irid tagħrif aktar dwar dan il-persunaġġ jaqra l-ktieb li ppublika Mons. Vincenzo Borg ta' Birkirkara bit-titlu "FABIO CHIGI APOSTOLIC DELEGATE IN MALTA", stampat fil-Vatikan.